MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 129/2000/2

**Mario Bonnici**

**v.**

**Patrick Cachia & Sons Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. B’Citazzjoni pprezentata mill-attur fil-25 ta’ Jannar 2000 wara li ppremetta illi mis-sena 1994 sas-sena 1998 bhala “hawker” bin-numru 10317 huwa xtara kwantita` ta’ xorb minerali, xorb iehor u prodotti ohra ta’ Simonds Farsons Cisk p.l.c. minghand is-socjeta` konvenuta li hija wahda mill-agenti ta’ Farsons; illi fuq ix-xiri tal-prodotti ta’ Farsons is-socjeta` Simonds Farsons Cisk p.l.c. ghaddiet lill-attur, tramite l-agent taghha s-socjeta` konvenuta, diversi skonti u beneficcji ohra izda s-socjeta` konvenuta dawret l-istess skonti u beneficcji ohra a vantagg u gwadann taghha; illi fl-4 ta’ Mejju 1999 l-attur irritorna lis-socjeta` konvenuta xoghol ta’ xorb, minerali u xorb iehor ammontanti ghall-mitejn u hamsa u erbghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmi (Lm245.33c) liema somma s-socjeta` konvenuta ghadha ma hallsitx; illi huwa nterpella inutilment lis-socjeta` konvenuta; talab li din il-Qorti; 1. Tiddikjara li l-attur huwa ntitolat ghall-iskonti u beneficcji ohra li tatu s-socjeta` Simonds Farsons Cisk p.l.c. fuq ix-xiri tax-xorb, minerali u prodotti ohra taghha minghand is-socjeta` konvenuta ghall-perijodu mis-sena 1994 sas-sena 1999; 2. Tillikwida l-iskonti u l-beneficcji l-ohra li ghaddietlu s-socjeta` Simonds Farsons Cisk p.l.c. tramite s-socjeta` konvenuta fuq ix-xiri tax-xorb, minerali u prodotti ohra taghha minghand l-istess konvenuta u li l-imsemmija socjeta` konvenuta ghaddiet, minflok, a vantagg u gwadann taghha; 3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata dovuta lilu bhala skonti u beneficcji ohra kif fuq inghad; u 4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ Lm245.33c bhala ritorn ta’ xoghol ta’ xorb minerali u xorb iehor fl-4 ta’ Mejju 1999. Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tat-13 ta’ Mejju 1999 u tal-5 ta’ Gunju 1999, ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Ottubru 1999, tar-rikors li gie pprezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

2. B’Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjeta` konvenuta fit-18 ta’ Frar 2000 hija eccepiet illi 1. It-talbiet taghha (sic) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom

jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li a) kwalunkwe beneficcju jew skont iehor li kien intitolat ghalih l-attur dejjem inghata lilu; b) l-ammont ta' Lm245.33 mhux dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur stante li dan l-ammont, fuq qbil bejn il-kontendenti, kien gie maqtugh mis-socjeta` konvenuta mill-ammont ta' Lm9,203.02c liema ammont huwa dovut mill-attur lis-socjeta` konvenuta.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili
cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

4. L-attur Mario Bonnici hass ruhu aggravat minn dina s-sentenza u interpona appell minnha ghall-fini tar-revoka ta' l-istess sentenza.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Dan l-appell jirrigwarda kawza li kienet u baqghet tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi (Citazzjoni numru 1972/99) u, fil-fatt, jirrizulta li dawn iz-zewg kawzi gew it-tnejn decizi fl-istess jum, u minnhom gie interpost appell mill-parti sokkombenti, u cioe` minn Mario Bonnici. Permezz ta' verbal datat l-14 ta' Novembru 2005, quddiem din il-Qorti, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-provi kollha migjuba fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citazzjoni numru 1972/99) ghandhom jitqiesu li jaghmlu prova f'din il-kawza. Fil-fatt saret trattazzjoni ghaz-zewg appelli li gew interposti minn Mario Bonnici. Jinghad wkoll li fil-mori ta' l-appell, l-appellant ipprezenta nota ta' riferenzi in sostenn tas-sottomissjonijiet tieghu. Illi sostanzjalment ghalhekk l-aggravji ta' l-appell fiz-zewg kawzi huma kwazi l-istess b'dana pero` li f'dana l-appell, l-appellant dahal f'aktar dettal ta' fatt dwar kif kien jopera tul is-snin mas-socjeta` appellata <u>*qua*</u> impjegat taghha, kif ukoll bhala "*hawker*" li jithallas b' "*commissions*" fuq il-bejgh li jaghmel. F'dan il-kaz ukoll bhal fil-kawza l-ohra, il-bazi ta' l-aggravju ta' l-appellant Bonnici huwa dak li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, u dan ukoll ghar-raguni li

kif imxiet proceduralment f'dak li huwa forniment ta' prova hija mxiet zbaljatament a detriment tieghu. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti sejra tipprocedi bl-istess mod kif imxiet l-ewwel Qorti fis-sens li ser taghti sostanzjalment sentenza unika fil-meritu, salv _mutatis_ _mutandis_ xi riferenzi li jkunu attinenti ghal xi wiehed miz-zewg processi.

6. L-aggravju ta' l-appellant Bonnici – fiz-zewg kawzi surreferiti – huwa essenzjalment dak li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u dokumenti li kellha tiddeciedi dwarhom, kif ukoll "tal-ligi involuti (sic)", b'dan li hija waslet ghall-konkluzjoni hazina, dik jigifieri li l-appellant kien debitur tas-socjeta` attrici. Dan ghaliex, fost ohrajn, dik il-Qorti dehrilha li ghandha tinverti l-oneru tal-prova u tpoggieh fuq l-appellant, meta hu ma kienx tenut li jaghmel hekk skond il-ligi.

7. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jishaq li, bil-maqblub ta' kif imxiet l-ewwel Qorti, il-prova dwar jekk l-ammont reklamat mis-socjeta` appellata kienx tassew dovut jew le kienet tispetta lilha, u mhux lilu. Skond l-appellant Bonnici, mhux bizzejjed, ghall-fini ta' grad sufficjenti ta' prova, li s-socjeta` appellata tipprezenta "statements" jew "invoices", li m'humiex del resto iffirmati minnu, in linea ta' konferma jew accettazzjoni imbaghad tippretendi li sta ghall-kontroparti li toqghod ittella' provi hi biex turi l-oppost. L-appellant dejjem cahad li qatt ircieva dik il-kwantita` ta' merkanzija kif gie allegat mis-socjeta` appellata u ma kellu ghalfejn jivverifika xejn dwar konsenji li qatt ma ffirma ghalihom. Li jidher li gara, isostni l-appellant, kien li l-ewwel Qorti "impressjonat ruhha" bl-"istatements" li gew ipprezentati mis-socjeta` appellata u minflok ma qisithom bhala dokumenti "manomessi" u "akkoloriti" min-naha tal-pretendent, hadithom invece bhala dokumenti affidabbli. F'kull kaz, l-appellant tella' provi biex juri li, minkejja kollox, ma setax kien li huwa tassew qatt ha dik il-kwantita` ta' merkanzija, li dejjem kien puntwali f'dawk li huma pagamenti, li dejjem halla u afda fis-"supplier" tieghu, u li l-fatturi pprezentati qatt ma gew accettati minnu u kwindi l-"istatements" kienu inaffidabbli.

Ghalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza appellata billi hu mhux talli ma ghandux jaghti lis-socjeta` appellata imma huwa kreditur taghha.

8. Min-naha taghha, is-socjeta` appellata wiegbet inter alia li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u korretta u ghalhekk timmerita konferma. Hija tissottometti li mill-atti ghandu jirrizulta kjarament mhux biss li effettivament kull konsenja msemmija fl-"istatement" kienet sehhet imma li addirittura l-istess appellant kien qieghed jippretendi "discount" fuqha, billi jallega li huwa qatt ma inghata tali skont kif kien gie miftiehem – haga li kienet inveritjera. Tissottometti inoltre li lanqas hemm lok jew xi raguni l-ghala ghandha tigi disturbata l-evalwazzjoni tal-provi u konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti ghaliex fiz-zewg kawzi, dik il-Qorti ddecidiet korrettement fuq il-provi u ma kien hemm xejn zbaljat li jimmerita revoka kif talab l-appellant.

9. Din il-Qorti tibda billi tosserva li kwantu ghall-ewwel parti ta' l-aggravju ta' l-appellant fejn hu jillanja mill-operat ta' l-ewwel Qorti ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' procedura, li billi din il-kawza bdiet tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra (kif gia` muri supra), fl-ismijiet inversi, l-appellant kien qieghed jassumi wkoll l-vesti ta' attur. F'kull kaz pero`, fejn si tratta ta' zewg verzjonijiet ghal kollox kontrastanti, bi pretensjonijiet reciproci, kien jispetta liz-zewg nahat li jfornu l-prova dwar dak li qeghdin jasserixxu. Huwa minnu li l-prova tispetta lil min qieghed jallega u mhux lil min ikun qieghed jinnega, izda din l-Qorti ma jidhrilhiex li l-ewwel Qorti skartat dan il-principju. Wara li ezaminat sew dak li ddeliberat il-Qorti ta' l-ewwel grad fis-sentenza appellata, din il-Qorti anzi hija tal-fehma li ma hemm xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-ewwel Qorti taht dan l-aspett.

10. Bilkemm ghandu jigi hawn ripetut li, sakemm ma jirrizultawx xi ragunijiet serji li juru xort'ohra, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturba qatt leggerment dak l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-Qorti ta' l-ewwel grad, u dan ukoll billi tkun hi li gabret u

kkontrollat il-provi li tressqu mill-partijiet. Multo magis meta, kif inhu proprju l-kaz in ezami, ix-xhieda principali kienu l-kontendenti nfushom jew dak li jirraprezentaw is-socjeta`, u dawn xehdu quddiemha. Minn qari tad-deposizzjonijiet moghtija, wiehed facilment jirrealizza kemm l-ewwel Qorti kienet qeghdha ssegwi dak li kien jigi mixhud viva voce.

11. Bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellant, darba li s-socjeta` appellata xehdet u esebiet "statements" dettaljati ta' dak li kienet qeghdha titlob bhala sorte, l-oneru tal-prova biex iwaqqghu l-pretensjoni attrici daru fuq l-appellant. Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija, din il-Qorti jidhrilha li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienet wahda gusta u korretta. L-appellant jitlaq mill-punt li huwa ma kellu ghalfejn jivverifika u jikkontrolla xejn f'dak li huwa operat tas-socjeta` appellata ghaliex huwa kellu fiducja shiha fiha pero` meta in segwitu, sehh kambjament fir-relazzjonijiet kummercjali tieghu ma' l-istess socjeta`, huwa f'daqqa wahda biddel din il-fiducja ghamja f'akkuzi li gie "tradut" minnha. Kien allura jinkombi fuqu li jipprova tali asserzjoni – haga li m'ghamilx. Kien l-appellant stess li accetta sitwazzjoni fejn ma kienx jiffirma ghal dik il-merkanzija li kien jircievi minn min kien fornihielu. Meta mbaghad is-socjeta` appellata bdiet trossu biex ma jaqax lura fil-pagamenti u talbitu jiffirma ghal "statement partikolari, ir-risposta li jaghti l-appellant tkompli turi l-istat ta' nonkuranza, ossija l-konfuzjoni, li biha huwa kien jikkonduci x-xoghol kummercjali tieghu, fil-vesti ta' impjegat mas-socjeta` appellata kif ukoll dik ta' "hawker part-time". Il-bran segwenti mid-deposizzjoni tieghu huwa tipiku tal-mod kif l-appellant kien jagixxi (ara fol. 114 *et seq*, tal-process Citaz 1972/99),

"Dr Henry Antoncich: Kien l-'istatement' ta' l-ammont li qed jippretendi hu?

Xhud: L-'istatement' kien tahuli qabel lili, jigifieri qatt ma ffirmajtulu. Imbaghad rega' gie bl-'istatement' hu. Imbaghad gie bl-iskop ta' mohhu hu, biex jisraqli tmint elef.

<u>Il-Qorti:</u> Ghaliex iffirmajtu f’dik l-okkazzjoni?

<u>Xhud:</u> ‘Sorry’?

<u>Il-Qorti:</u> Ghaliex iffirmajtu f’dik l-okkazzjoni?

<u>Xhud:</u> <u>Ghax il-karta lanqas tajt kazha x’kienet jigifieri jien, jiena qbadt u ffirmajtlu tax-xoghol li tani</u> u mbaghad qalli ‘Isma’ qalli, ‘dana naqqastlek il-vojt mill-‘istatement’ li ghandek ittini? Ghidtlu ‘Le, le, le, ma tnaqqasli xejn,’ ghidtlu ‘Jiena l-vojt trid tnaqqasuli mill-karta ta’ Farsons’ mill-ircevuta ta’ Farsons’ ghidtlu, ‘Le, dik mhux ha naccettaha!” (Sottolinear tal-Qorti).

12. Is-suespost huwa sintomatiku tal-mod konfuz kif kien jahdem l-appellant. Jekk f’dan l-istat konfuzjonarju tieghu huwa sab ruhu li kellu jaghti, ma kellux ghalfejn jigi sorpriz. Imma ghan-nuqqasijiet lampanti tieghu certament ma huwiex il-kompitu tal-Qorti li tara kif ssiblu xi forma ta’ rimedju. Fil-kamp civili, il-Qorti hija tenuta li taghrbel il-provi fuq bazi ta’ probabbilita` u jekk din tkun ittendi favur naha (kif jidher li hu l-kaz in ezami) a skapitu tal-verzjoni avversa, dik il-Qorti hija fl-obbligu li taccetta l-aktar verzjoni kredibbli u probabbli. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan hu sewwa sew dak li ghamlet l-ewwel Qorti u jidhrilha wkoll li ddecidiet korrettement fuq il-provi prodotti. Ftit li xejn huwa kredibbli l-appellant meta jixhed li dwar “discounts”, is-socjeta` appellata kienet “minghalih” (sic!) tatu l-ewwel pagament fis-sena 1994, imbaghad waqfet ghal kollox. Jghid li kien jitlobha “discounts” izda ma ttih xejn hlief li tghidlu li kienet qeghdha “iggemmaghhomlu”. Huwa kredibbli li ghal sena wara ohra, l-appellant joqghod jahdem “extra” bhala “hawker part-time” u fl-istess hin ma jesigix dak li kien intitolat ghalih? Minbarra dan, kif tajjeb sostniet is-socjeta` appellata fir-risposta taghha, lanqas jaghmel sens li fl-istess waqt li qed tiddubita minn dak li suppost ircevejt bhala merkanzija inti titlob skont jew kummissjoni fuqha – jew haga jew ohra! Hija fil-fehma ta’ din il-Qorti, bhal dik ta’ l-ewwel Qorti, li l-preponderanza tal-prova ttendi sufficjentement kontra l-pretensjonijiet ta’

l-appellant u favur dak li ppremettiet u talbet is-socjeta` appellata.

Ghalhekk l-aggravji ta’ l-appellant huma infondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell ta’ l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------